Minuti tas-16 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Hamis 27 ta' Frar, 2014. Il-laqgha inzammet b'urgenza u nbdiet hin 3.40pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Louis Apap |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Lisa Marie Brooke |
| | CarmenVella |

**Ufficjali:**

Deputat Segretarju Ezekuttiv — Emily Amatulli Depasquale

## 1. Il-Posizzjoni tas-Sindku

1.1 Is-Sindku spjega lill-membri tal-Kunsill li huwa kien qieghed isejjah din il-laqgha b'urgenza sabiex jispjega l-posizzjoni tieghu fil-Kunsill permezz ta' ittra li huwa stess kien ipprezenta lid-Deputat Segretarju Ezekutiv fis-26 ta' Frar 2014.

1.2 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qrat l-ittra li giet ipprezenta mis-Sindku fejn huwa spjega li kien qieghed jikteb din l-ittra wara l-ittra li inqrat mill-Vici Sindku waqt il-laqgha precedenti tal-Kunsill fejn fost ohrajn kien gie puntwalizzat l-irgulija u li l-istess Sindku ma jkomplix fil-kariga tieghu ta' Sindku tal-Kunsill Lokali l-Gharb. Huwa wera d-dispjacir tieghu ghaliex fl-opinjoni tieghu ma kienx hemm bzonn li tinkiteb ittra imma li jsir konfront mieghu. Huwa spjega ukoll li fl-24 ta' Frar kienet gie ipprezentata talba ta' rizenja u mozzjoni ta' sfiducja fil-konfront tieghu minn uhud mil-Kunsilliera. Is-Sindku ddikjara li huwa dejjem cahad l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu u kien ha d-decizzjoni li ma jibqax jirraprezenta l-Partit tieghu sabiex ikun f'posizzjoni li jiddefendi ruhu ahjar minghajr ma' jintefa' dell ikrah fuq il-partit.

Huwa wera ukoll dispjacir ghaliex meta kien hemm kaz fil-qorti fil-legislatura precedenti kontra l-Vici Sindku, l-Kunsilliera Emanuel Muscat u Lisa Marie Brooke li kienu ukoll parti minn dik il-legislatura qatt ma ipprezentaw mozzjoni ta' sfiducja fil-konfront tieghu u li ghal xi raguni din id-darba giet ipprezenta il-mozzjoni ta' sfiducja fih. Fl-opinjoni tieghu huwa jemmen li min jitressaq il-Qorti jibqa' jitqies innocenti sa ma' jkun deciz il-kaz.

Huwa iddikjara li la darba m'ghadux igawdi l-appogg tal-maggoranza tal-Kunsilliera, qieghed formalment jirrezenja mill-kariga ta' Sindku u izomm il-post bhala Kunsillier indipendenti.

Issa li l-post ta' Sindku huwa vakanti huwa kien qieghed jinnomina lil Louis Apap bhala Sindku u lil Carmen Vella bhala Vici Sindku.

1.3 Il-Vici Sindku rringrazzja lis-Sindku tal-pass li kien qieghed jiehu fil-konfront tal-Kunsill u tal-membri prezenti.
Huwa zied jghid li qieghed ukoll jirringrazzjah ta' dawn l-ahhar 16 –il sena ta' hidma li huwa wettaq b'risq il-lokalita' ta' l-Gharb fejn sar hafna u hafna xoghol. Dan ghandu jigu apprezzat u ghandu jkun ringrazzjat hafna u kulhadd ghandu ghax ikun rikonoxxenti.
Il-Vici Sindku irringrazzjah ukoll tan-nomina li kienet qeghda issir fil-konfront tieghu sabiex jilhaq Sindku ta' dan ir-rahal pero' skond kif jitlob l-Att dwar il-Kunsill Lokali din il-hatra ghandha ssir fl-laqgha ohra tal-Kunsill. Huwa ippropona li ssir laqgha tal-Kunsill sabiex jinhatar Sindku ghall-Kunsill Lokali l-Gharb nhar it-Tnejn 3 ta' Marzu, 2014 fit-3.30pm. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

1.4 Il-Vici Sindku talab lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv sabiex tiehu direzzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar kif ghandha titmexxa l-hatra tas-Sindku.

1.5 Emanuel Muscat qal li b'referenza ghall-ittra tas-Sindku, fejn fiha kienet saret referenza ghall-mozzjoni pprezentata din id-darba r-raguni ghaliex kienet saret mozzjoni u precedentament ma kien sar xejn fil-konfront tal-Vici Sindku ghaliex is-Sindku huwa l-*figure head* tal-Kunsill mhux bhal ma kien fil-kaz precedenti. Huwa zied jghid li l-ittra li inkitbet mill-Vici Sindku baqghet ma dehritx fil-gazzetti. David Apap Agius qal li l-Vici Sindku huwa l-assistent tas-Sindku u jirraprezenta lill-Kunsill f'kull okkazjoni fejn is-Sindku jkun indispost.

1.6 David Apap Agius qal li minkejja li m'ghadux jokkupa l-kariga ta' Sindku huwa xorta wahda ser ikun qieghed jaghti l-kontribut tieghu ghall-gid tal-lokalita'.

## 2.0 Aggornament

2.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tnejn 3 ta' Marzu, 2014 sabiex jinhatar Sindku ghall-Kunsill Lokali l-Gharb.

5.2 Il-laqgha spiccat fl-3.50pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| Louis Apap | Emily Amatulli Depasquale |
| Vici Sindku | Deputat Segretarju Ezekuttiv |